

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Awwissu 2018 – IFSUA vs Il-Kunsill

(Kawża T-251/18 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut — Miżuri għas-sajd tal-ispnotta Ewropea — Projbizzjoni ta' qbid fil-kuntest tas-sajd rikreattiv — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza)

(2018/C 381/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: International Forum for Sustainable Underwater Activities (IFSUA) (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: T. Gui Mori, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Naert u P. Plaza García, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Morales Puerta, F. Moro u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 2(2) u tal-Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU 2018, L 27, p. 1).

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2018 – CdT vs EUIPO

(Kawża T-417/18 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-funzjonament tal-EUIPO — Użu ta' fornituri esterni — Talba għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza”)

(2018/C 381/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) (rappreżentanti: J. Rikkert u M. M. Garnier, aġenti)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: N. Bambara u D. Hanf, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-EUIPO dwar miżuri intiżi sabiex ikunu jistgħu jintużaw fornituri oħra minbarra ċ-CDT għas-servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-funzjonament tiegħu u, min-naħa l-oħra, sabiex l-EUIPO jiġi ordnat jippubblika fis-Suppliment għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż ta' sospensjoni relatata mas-sejħa għal offerti tiegħu dwar il-provvista ta' servizzi ta' traduzzjoni u ma jiffirmax kuntratti relatati ma' din is-sejħa għal offerti.